

31979L0117

L 33/36

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

8.2.1979

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**tal-21 ta' Diċembru 1978****li tiprojbixxi it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom ċerti sustanzi attivi**

(79/117/KEE)

Il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropeja, u partikularment l-Artiklu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi l-produzzjoni tal-pjanti għandha rwol importanti ħafna fil-Komunità Ekonomika Ewropeja;

Billi l-għbir minn dik il-produzzjoni qiegħed kontinwament jiġi effettwat minn organiżmi ħżiena u ħaxix ħażin; billi huwa assolutament essenzjali li jipproteġu l-pjanti kontra dawn ir-riskji sabiex jipprevjenu nuqqas fil-għbir u għalhekk jgħinu biex jassiguraw id-disponabbiltà ta' provvisti;

Billi wieħed mill-metodi l-aktar importanti tal-protezzjoni tal-pjanti u l-prodotti tal-pjanti u ż-żieda tal-produttività ta' l-agrikoltura huwa li jintużaw prodotti ta' protezzjoni għall-pjanti;

Billi l-effetti ta' dawn il-prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti jistgħu ma' jkunux għall-kollox favorevoli għall-produzzjoni tal-pjanti; billi l-użu tagħhom jista' jinvolvi riskji għall-bniedem, fi prinċipju, huma sustanzi tossiċi jew preparazzjonijiet b'effetti perikolużi;

Billi fil-każ ta' ċerti prodotti ta' produzzjoni tal-pjanti, dawn ir-riskji huma daqshekk kbar li l-użu tagħhom ma' jistax jiġi totalment jew parzjalment tollerat;

Billi l-Istati Membri għalhekk mhux biss ikkontrollaw it-tqiegħid fis-suq ta' prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti imma wkoll introduċew, għall-ċerti prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti, restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet ta' l-użu, li jkopri wkoll it-tqiegħid fis-suq;

Billi dawn id-disposizzjonijiet ivarjaw fil-varji istati membri u rriżultaw f'ostaklu għall-kummerċ li direttament jaffetwa l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq komuni;

Billi għalhekk huma mixtieq li jkunu eliminati dawn l-ostakli u jaġġustaw id-disposizzjonijiet rilevanti stabbiliti mill-istati membri b'liġi, regolamenti jew disposizzjonijiet amministrattivi;

Billi għalhekk jidher li huwa ġġustifikat, bħala prinċipju bażiku, li jintroduċu projbizzjonijiet dwar l-użu ta' kull prodott ta' protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom sustanzi attivi li, anke meta jiġu użati korrettament għall-użu intiż, jgħatu bidu jew x'aktarx li joħlqu l-effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem jew ta' l-annimali jew għall-effetti mhux ġustifikati fuq l-ambjent;

Billi għall-uħud minn dawn il-prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti, derogi nazzjonali jistgħu, b'danakollu, jkunu permissibbli għall-daqs limitat għal dak l-użu meta, għall-raġunijiet ekoloġiċi, teżisti hteġa partikolari u meta r-riskju huwa inqas fil-każ ta' użu ieħor li jkun sanzjonat minn qabel;

Billi anke dawn id-derogi għandhom ikunu mnaqqsa gradwalment hekk kif trattamenti anqas perikolużi jkunu disponibbli;

Billi, min-naħa l-oħra, huwa neċessarju għall-għoti lill-istati membri ta'dritt limitat ta' sospensjoni temporanja, bl-awtorità tagħom, il-projbizzjonijiet ta' użu fil-każ ta' periklu mhux prevedut ta' theddid għall-produzzjoni tal-pjanta li ma' tistax tkun akwistata b' mezzi oħrajn;

Billi id-Direttivi jeskludu prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti intiżi għal skopijiet ta' rikerka u analitiċi;

Billi, aktar minn hekk, m'huwiex xieraq li japplikaw id-disposizzjonijiet tal-komunità għall-prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti intiżi għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, peress li ġeneralment dawn il-pajjiżi għandhom ir-regolamenti tagħom

⁽¹⁾ ĠU C 200, tas-26.8.1976, p. 10.

⁽²⁾ ĠU C 30, tas-7.2.1977, p. 38.

⁽³⁾ ĠU C 114, tal-11.5.1977, p. 16.

Billi l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u l-adozzjoni ta' l-Anness tagħha għall-iżvilupp tat-tagħrif tekniku u xjentifiku li jeħtieġ kooperazzjoni stretta bejn il-kummissjoni u l-stati membri; billi l-proċedura, għall-preżent, limitata fiż-żmien - tal-kumitat permanenti dwar is-saħħa tal-pjanti u l-involviment ta' kumitat xjentifiku għall-pestiċidi toffri bażi xierqa għall-dan,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Din id-Direttiva tikkonċerna l-projbizzjoni ta' ħruġ fis-suq u l-użu ta' prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom ċerti sustanzi attivi.

Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' din id-direttiva, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

1. Prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti

Sustanzi attivi u preparazzjonijiet li jkun fihom sustanza attiva waħda jew aktar li huma intiżi:

- 1.1. għall-qerda ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew tal-prodotti tal-pjanti jew biex ikunu protetti minn organiżmi bħall-dawn, sa kemm dawn is-sustanzi jew preparazzjonijiet m'humiex definiti fid-disposizzjonijiet li ġejjin;
- 1.2. sabiex tinfluwenza l-proċess tal-ħajja tal-pjanti, apparti milli bħala nutrijent1;
- 1.3. sabiex tippreserva l-prodotti tal-pjanti, sa kemm dawn is-sustanzi jew prodotti m'humiex suġġetti għal-disposizzjonijiet speċjali tal-kunsill jew kummissjoni dwar il-preservattivi;
- 1.4. sabiex jinqerdu pjanti mhux mixtieqa; jew
- 1.5. sabiex jinqerdu partijiet ta' pjanti jew biex jipprevjenu tkabbir mhux mixtieq ta' pjanti.

2. Sustanzi

Elementi kimiċi u taħlit tagħhom, meta jseħħu naturalment jew b'manifattura

3. Preparazzjonijiet

Taħlitiet jew soluzzjonijiet komposti minn tnejn jew aktar sustanzi, jew ta' mikro-organiżmi jew mikrobi użati bħala prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti.

4. Sustanzi attivi

Sustanzi, mikro-organiżmi u mikrobi, li għandhom azzjoni ġenerali jew speċifika:

- 4.1. Kontra organiżmi ta' ħsara; jew
- 4.2. Fuq pjanti, partijiet ta' pjanti jew prodotti tal-pjanti.

5. Pjanti

Pjanti ħajjin jew partijiet ta' pjanti ħajjin, inkluż il-frott frisk u ż-żerriegħa.

6. Prodotti tal-pjanti

Prodotti, fl-istat mhux proċessat jew minn preparazzjoni sempliċi bħal tħin, tnixxif jew l-ippressar, meħuda minn pjanti, imma esklużi l-pjanti innfushom kif definiti fil-punt 5.

7. Organiżmi ta' ħsara

Pesti ta' pjanti jew ta' prodotti tal-pjanti, li jappartjenu lir-renji ta' l-annimali jew tal-pjanti, jew li huma mikrobi, mikoplażmi jew patoġeni oħrajn

8. Annimali

Annimali li jippartjenu għall-speċi normalment mitmugħa u miżmuma jew ikkonsumati mill-bniedem

9. Ħruġ fis-suq

Kull trasferiment ta' pussess, kemm bill-ħlas jew b'xejn.

10. Ambjent

Ir-relazzjoni tal-bnedmin ma' l-ilma, l-arja, l-art u l-forom bioloġiċi kollha.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom ta' waħda jew aktar sustanzi attivi elenkati fl-anness ma jstgħux la li joħorġu fis-suq u l-anqas li jkunu wżati.

L-ewwel paragrafu m'għandux japplika għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom impuritajiet negliġibbli minħabba n-natura tal-ipproċessar tagħhom, basta li ma jkollhomx effetti ħżiena fuq il-bniedem, l-annimali, jew l-ambjent.

Artikolu 4

1. Bħala deroga mill-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom ikunu temporanjament awtorizzati li jippermettu l-ħruġ fis-suq jew l-użu ġewwa t-territorju tagħhom tal-prodotta tal-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom uħud mis-sustanzi elenkati fl-ewwel kolonna ta' l-anness fil-każi stabbiliti fit-tieni kolonna.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-kummissjoni b'xi każi li fihom il-paragrafu 1 jkun applikabbli u, jekk il-kummissjoni hekk titlob, għandhom jipprovduha bid-dettalji tal-limitu li kull sustanza attiva bħal din tkun użata.

Artikolu 5

Id-direttiva m'għandiex tapplika għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti intiżi għal:

- (a) l-użu ta' riċerka jew analiżi;
- (b) esportazzjoni pajjiżi terzi.

Artikolu 6

1. Wara konsultazzjoni mill-Kummissjoni mal-Kumitat Xjentifiku dwar il-pestiċidi li huwa stabbilit permezz tad-deċiżjoni 78/436/KEE⁽¹⁾ dan li ġej għandu jkun adottat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8:

- (a) xi emendi meħtieġa fil-gruppi a (komposti ta' merkurju) u b (komposti ta' organo-klorin persistenti) tas-sustanzi fil-kolonna 1 ta' l-anness;
- (b) xi emendi meħtieġa għall-kolonna 2 ta' l-anness. Jekk deroga għandha tiġi kanċellata, konsultazzjoni minn qabel mal-Kumitat Xjentifiku m'għandiex tkun meħtieġa, basta li l-Istati Membri kollha jinfurmaw lill-Kummissjoni li m'għandhomx jew m'għadx għandhom l-intenzjoni li jagħmlu użu minn dik id-deroga. Din l-informazzjoni tista tkun fornuta lill-Kumitat Permanenti dwar is-saħħa tal-pjanti stabbilit bid-Deċiżjoni 76/894/KEE⁽²⁾.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika għall-perjodu ta' ħames snin mill-1 ta' Jannar 1981.

Il-kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, jista jiddeċiedi li jestendi l-perjodu tal-validità tal-paragrafu 1 jew li jneħħi kull limitu dwar l-applikazzjoni tiegħu.

3. Xi emendi għall-anness li ma hemmx disposizzjoni dwarhom fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati mill-Kunsill li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 124, tat-12.5.1978, p. 16.

⁽²⁾ ĠU L 340, tad-9.12.1976, p. 25.

4. Il-Kummissjoni għandha teżamina mill-anqas kull sentejn jekk u sa liema estent it-tieni kolonna ta' l-anness għandha tkun emendata.

5. L-emendi kollha għall-anness għandhom jiġu magħmula bir-raġuni tal-iżviluppar tat-tagħrif xjentifiku u tekniku.

6. Is-sustanza attiva għandha tiġi inkluża fl-anness 1 jekk, anke meta applikata kif suppost għall-iskop intiż, l-użu tagħha jagħti bidu jew ikun probabbli li jagħti bidu għal:

- (a) effetti ħżiena fuq is-saħħa umana jew ta' l-annimali;
- (b) effetti ħżiena mhux raġjonevoli fuq is-saħħa umana jew ta' l-annimali.

Artikolu 7

1. Jekk ikun jidher meħtieġ li, minħabba periklu mhux mistenni li jhedded il-produzzjoni tal-pjanti li ma' jstax jiġi miżmum b' modi oħra, li jintuża fl-Istati Membri prodott tal-protezzjoni tal-pjanti li jkun fih waħda jew aktar sustanza attiva minn dawk elenkati fl-anness, l-Istat Membru f'dan il-każ jista jippermetti l-ħruġ fis-suq u l-użu ta' prodott bħall dan għall-perjodu massimu ta' 120 jum għandu jinforma immedjatament lill-istati membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bl-azzjoni tiegħu.

2. Għandu jkun stabbilit mingħajr dewmin fi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8, jekk u, f'dak il-każ, taħt liema kondizzjonijiet l-azzjoni meħuda mill-Istat Membru permezz tal-paragrafu 1 tista tibqa' jew li tkun ripetuta.

Artikolu 8

1. Meta l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu għandha tkun segwita, din il-materja għandha tkun riferuta mingħajr dewmin mill-President, kemm fuq inizjattiva tiegħu jew fuq talba ta' Stat Membru, lejn il-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti, minn hawn il-quddiem imsemmi bħala "il-Kumitat".

2. Fi ħdan il-Kumitat il-voti tal-Istati Membri għandhom ikunu miżuna kif hemm ipprovdut dwar dan fl-artikolu 148(2) tat-Trattat. il-President m'għandux jivvota.

3. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippreżenta abbozz tal-miżuri li għandhom ikunu adottati. il-Kumitat għandu jwassal l-opinjoni tiegħu dwar miżuri bħal dawn fil-perjodu taż-żmien stabbilit mill-President wara li jkun qies l-urġenza ta' din il-materja. l-opinjoni jiet għandhom ikunu adottati bil-maġġoranza tal-41 vot.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta il-miżuri u timplimenthom meta jkunu bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat. Il-Kunsill għandu jadotta il-miżuri b'maġġoranza kwalifikata.

Jekk il-Kunsill ma jkunx adotta xi miżuri fi żmien tlett xhur minn meta l-proposta tkun ġiet ippreżentata lilu, l-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri kif ipproponuti u timplimenthom minnufih.

Artikolu 9

L-Istati Membri għandhom mhux aktar tard mill-1 ta' jannar 1981, idaħħlu fis-seħħ, il-liġijiet, ir-regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. huma għandhom jinfurmaw immedjatament lill-Kummissjoni b'dan.

Artikolu 10

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, il-21 ta' Diċembru 1978.

Għall-Kunsill

Il-President

Otto Graf LAMBSORFF

ANNEX

Ismijiet ta' sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi riferuti l- Artikolu 3	Każi fejn b'konformità mal-Artikolu 4 huwa permissibbli il-ħruġ fis-suq jew l-użu
A. Taħlit tal-Merkurju	
1. Ossidu tal-Merkurju	Bħala żebgħa għat-trattament ta' <i>Nectria galligena</i> (kankru) fuq siġar ta' frott pomaċew wara l-ħsad u sakemm titlaqqam bir-rimi
2. Kloru tal-Merkurju (<i>calomel</i>)	(a) Kontra <i>Plasmodiaphora fuqil</i> -Brassika (b) Trattament ta' żrieragħ tal-basal u pjanti kontra <i>Sclerotium</i> . (c) Trattament fuq ħaxix ornamentali u ħaxix għall-areni sportivi kontra <i>Sclerotinia</i> u <i>Fusarium</i> .
3. Taħlit tal-Merkurju inorganiku ieħor.	
4. Taħlit tal-merkurju <i>aryl</i>	(a) Tgħaddis ta' basal tal-fjuri, patata taż-żriegħ (b) Trattament fuq żrieragħ taċ-ċereali, għajr qamħirrum u żerriegħa tal-pitravi taż-zokkor, basiċi u pre-basiċi.
5. <i>Alkoxyakyl</i> u taħlit tal-merkurju <i>aryl</i>	(a) Bħala żebgħa għat-trattament ta' <i>Nectria galligena</i> (kankru) fuq siġar tal-frott pomaċew wara l-ħsad u sakemm titlaqqam bir-rimi. (b) Fil-Ħarifa għall-prevenzjoni ta' <i>Nectria galligena</i> (kankru) fuq siġar tat-tuffieħ <i>Bramley</i> jekk meħtieġ ġewwa l-Irlanda ta' Fuq, wara sajjf eċċezjonalment umidu. (c) Tgħaddis ta' basal tal-fjuri u patata taż-żriegħ (d) Trattament taż-żerriegħa fuq ċereali, pitravi, rapa u qanneb.

Ismijiet ta' sustanzi attivi jew gruppi ta' sustanzi attivi riferuti fl-Artikolu 3	Każi fejn b'konformità mal-Artikolu 4 huwa permissibbli il-ħruġ fis-suq jew l-użu
B. Taħlita organo-klorin persistenti	
1. Aldrin	<p>(a) Trattament għall-ħamrija kontra <i>otiorrhynchus</i>fi mxietel, firxiet għall-frawli qabel jitħawlu, firxiet ta' ornamenti, għelieqi tad-dwieli</p> <p>(b) Trattament fuq patata mkabbra fħamrija li qabel kienu jirgħu fiha l-annimali, kontra <i>Agriotes</i> ġol-Irlanda u r-Renju Unit</p> <p>(c) Trattament fuq-narċis li għandu jibqa sentejn jew tlieta fil-ħamrija kontra <i>Merodon equestris</i>, <i>Eumerus tuberculatus</i>.</p>
2. Chlorodane	
3. Dieldrin	
4. DDT	<p>(a) Bħala tagħdisa kontra <i>Hylobius</i>fit-tħawwil taż-żrieragħ tal-koniferi</p> <p>(b) Trattament ta' siġar individwali kontra <i>Scolytidaesa</i>-biex jiġġieled l-<i>Ceratocystis ulmi</i>.</p> <p>(c) Trattament għall-pitravi taz-zokkor, patata u ġaxix ornamenti u għall-ħaxix fl-areni tal-isports kontra <i>Melolontha</i>, <i>Amphimallon</i>, <i>Phyllopertha</i>, <i>Cetonia</i>, u <i>Serica</i>.</p> <p>(d) Trattament għall-pitravi taz-zokkor, patata, frawli, karrotti u ornamenti, kontra <i>Agrotis</i> <i>Euxos</i>.</p> <p>(e) Trattament ta' ċereali kontra <i>Tipula</i>.</p>
5. Endrin	<p>(a) Bħala akariċidi li jnissel materjal fuq <i>cyclamenu</i> fuq frawli.</p> <p>(b) Trattament kontra Arvikola terrestri L. fil-ġonna mingħajr subkultivazzjoni.</p>
6. HCH kontenenti anqas minn 99.0 % ta' iżomeri gamma	
7. Heptachlor	<p>Trattament għall-istat ta' preparazzjoni tagħhom taż-żerriegħa tal-pitravi kontra <i>Atomaria linearis</i>, <i>Agriotes spec.</i>, <i>Myriapoda</i> u <i>Collembola</i></p>
8. Hexachlorobenzene	